Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT G 22/10 (JE).

Carmen Zammit

vs

Pinu Biġeni.

Illum, 18 ta' Mejju 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Carmen Zammit tal-10 ta' Diċembru 2010 fejn illamentat illi l-farmhouse illi kriet mingħand il-konvenut ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li rat fir-reklam u kienet nieqsa minn kull kumdità bħal saqqijiet, kmamar tal-banju, fannijiet u għodda tal-kċina. Il-kċina kienet imneżża minn kull kundità u ma kien fiha xejn. Kellha kexxun wieħed li kien jinfetaħ b'ħolqa. Peress illi l-fridge ma kienetx tkessaħ ġiet sostwita bi freezer u l-cooker kellu ħafna partijiet ma jiffunzjonawx tajjeb u kien bla xkaffa. Is-siġġijiet bdew jinkisru u t-television kellu tlett stazzjonijiet biss li ma kienux ċari u mingħajr remote control. Il-living room kienet ineżistenti bi 3-seater qadim fl-intrata u m'hux kif reklamat. Wire tal-ħwejjeġ kien hemm wieħed imdendel fuq il-b-b-q. Għaldaqstant, l-attriċi ħassietha misruqa peress illi tħassrieltlha l-vaganza u talbet kumpens ta' tmien mija u wieħed u erbgħin euro (€ 841).

Ra r-risposta tal-konvenut illi fiha ċaħad l-allegazzjonijiet tal-attriċi peress illi kien spjega fid-dettall fuq it-telefon x'fih il-farmhouse u meta l-attriċi u sħabha daħlu fil-farmhouse, tawh il-prosit u qalulu li m'hemmx għalfejn joħdilhom ir-remote control illi kien bil-ħsara. Meta lmentaw illi l-fridge m'hix tkessaħ, ħadhilhom freezer ġdida fjamanta u affarijiet oħra bħal tazzi, togs tal-B.B.Q. eċċ. Imma l-attriċi nsistiet illi l-fridge tibqa' fil-post u ma setax joħodha għand tekniku biex jiċċekjaha. Il-konvenut ċaħad ukoll l-allegazzjonijiet l-oħra tal-attriċi. Qal ukoll illi l-attriċi qatt ma talbietu li tinbidel il-farmhouse jew li tieħu l-flus lura u ħassu diżappuntat bl-atteġġjament tagħha. Anzi l-attriċi u sħabha baqgħu fil-farmhouse sa l-aħħar minuta. Qal ukoll illi ilu jikri l-farmhouses 25 sena u qatt ma kellu allegazzjoni ta' din it-tip u din il-farmhouse dejjem mimlija nies li qatt ma jilmentaw.

Sema l-provi tal-partijiet u ra n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom.

Ikkunsidra.

Illi huwa pjuttost singolari illi ħadd mill-partijiet ma għażel illi jissoġġetta lin-naħa l-oħra għall-kontro-eżami. Illi t-Tribunal huwa rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet kontrastanti u rrinkoċiljabbli u jrid jara fejn hi l-verità. Huwa minnu illi l-attriċi għażlet illi tibqa' f'dan il-

farmhouse u ma talbietx farmhouse ieħor. Wieħed irid jara kemm tali bdil kien ikun fi kwalunkwe każ possibli fil-bidu t'Awwissu. Madankollu, dana ma jfissierx illi operatur ta' akkomodazzjoni tal-vaganzi huwa b'daqshekk eżentat minn kwalunkwe responsabilità fir-rigward tal-komoditajiet li kellu jipprovdi fil-post mikri.

M'huwiex kontestat illi fil-farmhouse kien hemm bosta nuqqasijiet, fosthom ta' affarijiet bażiċi bħal numru adekwat ta' frieket u skieken u srievet. L-anqas m'huwa kkontestat illi l-fridge ma servietx l-iskop tagħha. It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut ma kellu l-ebda raġuni għala ma jipprovdiex fridge, u m'hux freezer, in sostituzzjoni tal-fridge li kienet tkessaħ u jibgħat tekniku fuq il-post biex jiċċekjaha. Aktar u aktar meta hu għandu numru sabiħ ta' farmhouses li jinkrew.

It-Tribunal l-anqas jifhem illi wieħed għandu jaħli l-ħin fil-vaganza tiegħu sabiex iċempel lil sid il-post u jitlob għal frieket u skieken u affarijiet bażiċi oħra illi wieħed jistenna illi wieħed isib f'akkomodazzjoni self-catering. Il-linja difensiva illi kull ma ġie mitlub ingħata u illi ma sarux ilmenti illi ma ġewx indirizzati m'hijiex ġustifikazzjoni adekwata.

Mill-banda l-oħra, it-Tribunal irid ikun ekwilibrat fir-rimedju li jagħti għax jirriżulta illi l-akkomodazzjoni in kwistjoni, minkejja n-nuqqasijiet lamentati, ġiet użufruwita fil-perjodu kollu tal-kirja miftehma u illi l-attriċi resqet l-ilment tagħha wara illi l-vaganza kienet spiċċat. Del resto, l-attriċi ma ġabet l-ebda prova ta' xi danni morali illi soffriet matul din il-vaganza.

Għaldaqstant, in vista tal-kunsiderazzjonijiet magħmula, it-Tribunal isib illi l-konvenut huwa responsabbli fir-rigward tal-attriċi għal danni morali li soffriet waqt il-vaganza tagħha fl-akkomodazzjoni mikrija mill-konvenut u dana minħabba bosta nuqqasijiet riskontrati fil-farmhouse mikri mill-konvenut lill-attriċi u qiegħda tikkundannah iħallasha s-somma ta' mitt euro (€ 100).

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.